



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Strasburgu, 28 ta' Frar 2024  
(OR. en)**

**2021/0384 (COD)  
LEX 2295**

**PE-CONS 62/1/23  
REV 1**

**EF 311  
ECOFIN 1059  
CODEC 1920**

**DIRETTIVA**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
LI TEMENDA D-DIRETTIVA 2014/65/UE  
DWAR IS-SWIEQ FL-ISTRUMENTI FINANZJARJI**

**DIRETTIVA (UE) 2024/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-28 ta' Frar 2024**

**li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swiegq fl-istrumenti finanzjarji**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw lill-Bank Ċentrali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2024.

Billi:

- (1) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid" ("Pjan ta' Azzjoni għas-CMU), il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tressaq proposta leġiżlattiva sabiex toħloq fluss kontinwu ta' *data* elettronika diretta, li kien maħsub sabiex jipprovdi stampa komprensiva tal-prezzijiet u tal-volum tal-istrumenti finanzjarji ta' ekwità u tal-istrumenti finanzjarji simili għal ekwità n-negozjati fl-Unjoni kollha fiċ-ċentri ta' negozjar ("tape konsolidat"). Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2020, dwar il-Pjan ta' Azzjoni għas-CMU tal-Kummissjoni, il-Kunsill ħeġġeġ lill-Kummissjoni tistimola aktar attività ta' investiment fl-Unjoni bil-għan li ssaħħa id-disponibbiltà u t-trasparenza tad-*data* billi tkompli tivvaluta l-mod kif għandhom jiġu indirizzati l-ostakli għall-istabbiliment ta' tape konsolidat fl-Unjoni.
- (2) Fil-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Jannar 2021 bit-titolu "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza", il-Kummissjoni kkonfermat l-intenzjoni tagħha li ttejjeb, tissimplifika u tarmonizza aktar il-qafas tat-trasparenza tas-swieq tat-titoli, bħala parti mir-rieżami tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>. Bħala parti mill-isforzi sabiex jissaħħa ir-rwol internazzjonali tal-euro, il-Kummissjoni ħabbret ukoll li tali riforma tkun tinkludi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' tape konsolidat, b'mod partikolari għall-ħruġ ta' bonds korporattivi sabiex jiżdied in-negozjar sekondarju fi strumenti ta' dejn denominati f'euro.

---

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

- (3) B'mod parallel mar-rieżami tad-Direttiva 2014/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 huwa emendat bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, li jneħħi l-ostakli prinċipali li impedew il-ħolqien ta' tape konsolidat. Dak ir-Regolament jintroduċi kontributi obbligatorji tad-*data* lill-fornitur tat-tape konsolidat u jtejjeb il-kwalità tad-*data* billi, fost l-oħrajn, jarmonizza s-sinkronizzazzjoni tal-arloġġi tan-negozju. Apparti dan, huwa jintroduċi titjib fl-obbligi tan-negozjar u l-projbizzjoni tal-prattika li jiġi riċevut pagamenti biex jiġu eżegwiti ordnijiet minn ċerti klijenti f'post tat-twettiq partikolari jew biex jiġu trażmessi ordnijiet ta' dawk il-klijenti lil kwalunkwe parti terza għall-eżekuzzjoni tagħhom f'post tat-twettiq partikolari ("pagament għall-fluss tal-ordnijiet"). Peress li d-Direttiva 2014/65/UE fiha wkoll dispożizzjonijiet relatati mat-tape konsolidat u mat-trasparenza, l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jenħtieġ li jiġu riflessi fid-Direttiva 2014/65/UE.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 62/23 (2021/0385(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-*data*, it-tneħħija tal-ostakli għall-ħolqien ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi tan-negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet tal-klijenti (ĠU L, .../..., ..., ELI:...).

- (4) L-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2014/65/UE jirrikjedi li s-sistemi u l-faċilitajiet, li fihom, diversi interessi kummerċjali ta' xiri u bejgħ ta' partijiet terzi fi strumenti finanzjarji jkunu jistgħu jinteraġixxu (“sistemi multilaterali”), joperaw f'konformità mar-rekwiżiti li jikkonċernaw swieq regolati, faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTFs) jew faċilitajiet organizzati tan-negozjar (OTFs). Madankollu, il-prattika tas-suq, kif murija mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> fir-rapport finali tagħha tat-23 ta' Marzu 2021 dwar il-funzjonament tal-faċilitajiet organizzati tan-negozjar, uriet li l-prinċipju ta' attività multilaterali tan-negozjar li teħtieġ awtorizzazzjoni ma għex irrispettat fl-Unjoni, li wassal għal kundizzjonijiet mhux ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn is-sistemi multilaterali li huma awtorizzati bħala suq regolat, MTF jew OTF u sistemi multilaterali li mhumiex awtorizzati bħala tali. Barra minn hekk, dik is-sitwazzjoni ħolqot inċertezza legali għal ċerti parteċipanti fis-suq fir-rigward tal-aspettattivi regolatorji għal sistemi multilaterali bħal dawn. Sabiex il-parteċipanti fis-suq jingħataw ċarezza, jiġu salvagwardjati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern u tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-rekwiżiti li s-sistemi ibridi jwettqu biss attivitajiet multilaterali tan-negozjar fejn ikunu awtorizzati bħala suq regolat, MTF jew OTF, il-kontenut tal-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2014/65/UE jenħtieġ li jiġi ttrasferit mid-Direttiva 2014/65/UE għar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Minħabba t-tneħħija ta' sistemi multilaterali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2014/65/UE u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, huwa wkoll xieraq li d-definizzjoni ta' “sistema multilaterali” titqiegħed f'dak ir-Regolament.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

- (5) L-Artikolu 2(1), il-punt (d)(ii), tad-Direttiva 2014/65/UE, jeżenta lill-persuni li jinneozjaw f' isimhom stess mir-reqwizit li jiġu awtorizzati bħala ditta tal-investment jew istituzzjoni ta' kreditu, sakemm daww il-persuni ma jkunux membri ta' suq irregolat jew MTF, jew parteċipanti fihom, jew ma jkollhomx aċċess elettroniku dirett għal ċentru ta' negozjar. Entitajiet mhux finanzjarji li huma membri ta' suq regolat jew MTF, jew parteċipanti fihom, għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet fir-rigward tal-ġestjoni tal-likwidità jew għall-fini li jitnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew l-attività ta' finanzjament tat-teżor jenħteġ li ma jkollhomx l-obbligu li jkunu awtorizzati bħala ditta tal-investment, peress li tali reqwizit ikun sproporzjonat. Fir-rigward tal-aċċess elettroniku dirett għal ċentru ta' negozjar, l-Artikolu 17(5) u l-Artikolu 48(7) tad-Direttiva 2014/65/UE jirrikjedu li l-fornituri tal-aċċess elettroniku dirett ikunu ditti tal-investment jew istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati. Id-ditti tal-investment jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jipprovdu aċċess elettroniku dirett huma responsabbli sabiex jiżguraw li l-klijenti tagħhom jikkonformaw mar-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 17(5) u l-Artikolu 48(7) tad-Direttiva 2014/65/UE. Din il-funzjoni ta' gwardjan hija effettiva u permezz tagħha l-klijenti tal-fornituri ta' aċċess elettroniku dirett, inklużi persuni li jinneozjaw f' isimhom stess, ma jkunux meħtieġa li jsiru soġġetti għad-Direttiva 2014/65/UE. Barra minn hekk, it-tneħħija ta' dan ir-reqwizit tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn, minn naħa, persuni stabbiliti fl-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, persuni stabbiliti f' pajjiż terz li jaċċessaw iċ-ċentri tal-Unjoni permezz ta' aċċess elettroniku dirett, li għalihom id-Direttiva 2014/65/UE ma tirrikjedix awtorizzazzjoni.

- (6) L-Artikolu 18(7) tad-Direttiva 2014/65/UE jirrikjedi li l-MTFs u l-OTFs ikollhom mill-inqas tliet membri jew utenti materjalment attivi. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li japplika għas-sistemi multilaterali kollha. Għalhekk, dak ir-rekwiżit jenħtieġ li jiġi estiż għas-swieq regolati.
- (7) Id-Direttiva 2014/65/UE tipprevedi li ditta tal-investment għandha tiġi kkunsidrata li tkun internalizzatur sistematiku biss meta titqies li tkun wettqet l-attivitajiet tagħha fuq bażi organizzata, frekwenti, sistematika u sostanzjali jew meta tagħżel li tieħu sehem fir-reġim ta' internalizzatur sistematiku. Bażi frekwenti, sistematika u sostanzjali hija determinata minn kriterji kwantitattivi. Dan wassal għal piż eċċessiv għad-ditti tal-investment li huma meħtieġa jwettqu l-valutazzjoni, u għall-ESMA, li hija meħtieġa tippubblika *data* għall-finijiet tal-valutazzjoni. Il-valutazzjoni abbażi ta' dawk il-kriterji jenħtieġ li għalhekk tiġi sostitwita b'valutazzjoni kwalitattiva. Filwaqt li jitqies li r-Regolament (UE) Nru 600/2014 huwa emendat biex jeskludi l-internalizzaturi sistematiki mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għal strumenti mhux ta' ekwità, il-valutazzjoni kwalitattiva tal-internalizzaturi sistematiki jenħtieġ li tapplika biss għal strumenti ta' ekwità. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli għal ditta tal-investment li tagħżel li ssir internalizzatur sistematiku għal strumenti mhux ta' ekwità.

(8) L-Artikolu 27(3) u (6) tad-Direttiva 2014/65/UE fih ir-rekwiżit sabiex iċ-ċentri ta' eżekuzzjoni jippubblikaw rapporti b'lista ta' dettalji relatati mal-obbligu li jeżegwixxu ordnijiet fl-aktar termini favorevoli għall-klijent ("l-aħjar eżekuzzjoni"). Evidenza u feedback mill-partijiet ikkonċernati wrew li daww ir-rapporti rari jinqraw u ma jippermettux lill-investituri u lil utent oħrajn ta' daww ir-rapporti jagħmlu tqabbil sinifikanti abbażi tal-informazzjoni pprovduta fihom. B'konsegwenza ta' dan, id-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> issospendiet ir-rekwiżit ta' rapportar skont l-Artikolu 27(3) tad-Direttiva 2014/65/UE għal sentejn sabiex dak ir-rekwiżit jiġi rieżaminat. Ir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> emenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 sabiex jitneħħew l-ostakli li impedew il-ħolqien ta' tape konsolidat. Id-*data* li t-tape konsolidat huwa mistenni li jiddissemina hija l-aħjar talba u offerta fil-livell Ewropew, informazzjoni ta' qabel in-negozjar rigward it-tranżazzjonijiet fl-ishma u l-fondi negozjati fil-borża (ETFs) u informazzjoni ta' wara n-negozjar rigward it-tranżazzjonijiet f' bonds u derivattivi ta' barra l-borża (OTC). Dik l-informazzjoni tista' tintuża sabiex tingħata prova tal-aħjar eżekuzzjoni. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' rapportar stabbilit fl-Artikolu 27(3) tad-Direttiva 2014/65/UE mhux se jibqa' rilevanti u għalhekk jenħtieġ li jitneħħa.

---

<sup>6</sup> Id-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni, governanza tal-prodotti u limiti ta' pożizzjoni, u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/878 fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għad-ditti tal-investment, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 14).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 63/23 (2021/0385(COD)).

- (9) L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE fih ukoll dispożizzjonijiet aktar ġenerali relatati mal-aħjar eżekuzzjoni. Madankollu, interpretazzjonijiet differenti ta' dak l-Artikolu mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali wasslu għal approċċi diverġenti biex jiġu applikati r-rekwiżiti tal-aħjar eżekuzzjoni u għas-superviżjoni tal-prattika tas-swieq. Dik id-diverġenza hija partikolarment evidenti fil-modi differenti li bihom huma rregolati madwar l-Unjoni l-prattiki relatati mar-riċeviment ta' pagament għall-fluss tal-ordnijiet. Ir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 jipprojbixxi lid-ditti tal-investiment milli jirċievu tali pagamenti madwar l-Unjoni. Madankollu, il-feedback mir-regolaturi u mill-partijiet ikkonċernati wera li r-rekwiżiti tal-aħjar eżekuzzjoni għall-klijenti professjonali jistgħu jibbenefikaw ukoll minn kjarifika ulterjuri. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji li jridu jiġu kkunsidrati għall-fini li tiġi stabbilita u vvalutata l-effikaċja tal-politika tat-twertiq tal-ordnijiet skont l-Artikolu 27(5) u (7) tad-Direttiva 2014/65/UE,, u tqis id-differenza bejn il-klijenti mhux professjonali u dawk professjonali.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 63/23 (2021/0385(COD)).

- (10) Il-funzjonament korrett ta' tape konsolidat jiddependi fuq il-kwalità tad-*data* li jirċievi l-fornitur tat-tape konsolidat. Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kwalità tad-*data* li l-kontributori għat-tape konsolidat jenħtieġ li jaderixxu magħhom. Sabiex jiġi żgurat li d-ditti tal-investment u l-operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF, u swieq regolati, jissodisfaw b'mod effettiv dawk ir-rekwiżiti, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu li tali ditti tal-investment, operaturi tas-suq u swieq regolati jkollhom l-arranġamenti meħtieġa fis-seħħ sabiex jagħmlu dan.
- (11) Ir-riċevuta ta' *data* ta' kwalità għolja hija tal-akbar importanza għall-funzjonament tat-tape konsolidat u tas-suq intern u tirrikjedi li l-kontributori kollha tad-*data* u l-fornitur tat-tape konsolidat jagħtu kronogramma lid-*data* tagħhom b'mod sinkronizzat u b'hekk jissinkronizzaw l-arloġġi tan-negozju tagħhom. Ir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> għalhekk jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 sabiex jestendi dak ir-rekwiżit, li skont id-Direttiva 2014/65/UE japplika biss għaċ-ċentri ta' negozjar u għall-membri, il-parteciċipanti jew l-utenti tagħhom, għall-internalizzaturi sistematiċi, għall-entitajiet tal-pubblikazzjoni deżinjati, għall-arranġamenti tal-pubblikazzjoni approvati u għall-fornituri tat-tape konsolidat. Peress li dak ir-rekwiżit issa huwa stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 600/2014, jista' jitneħħa mid-Direttiva 2014/65/UE.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 63/23 (2021/0385(COD)).

- (12) Fi ħdan il-qafas li jirregola s-swieq tal-Unjoni fl-istrumenti finanzjarji, ħafna rekwiżiti sostantivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 huma sorveljati, u s-sanzjonijiet u l-miżuri huma imposti, fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-Artikoli 69 u 70 tad-Direttiva 2014/65/UE. Ir-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup> jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 sabiex jinkludi regoli ġodda dwar il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-volum, dwar il-kontribuzzjonijiet obligatorji tad-*data* għall-fornitur tat-tape konsolidat, dwar l-istandards tal-kwalità tad-*data* li għalihom huma soġġetti il-kontributori u dwar il-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet. Peress li l-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli mis-supervizzjoni tal-entitajiet rilevanti, daww ir-rekwiżiti sostantivi l-ġodda jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista fid-Direttiva 2014/65/UE tad-dispożizzjonijiet li għalihom l-Istati Membri għandhom jipprevedu sanzjonijiet fil-livell nazzjonali.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 63/23 (2021/0385(COD)).

- (13) Id-Direttiva 2014/65/UE fiha regoli li jirrikjedu li ċ-ċentri ta' negozjar jimplimentaw mekkaniżmi mfassla biex jillimitaw il-volatilità eċċessiva fis-swieq, b'mod partikolari waqfien fin-negozjar u parametri tal-prezzijiet. Madankollu, iċ-ċirkostanzi estremi li għaddew minnhom is-swieq għad-derivattivi tal-enerġija u għad-derivattivi ta' komoditajiet matul il-kriżi tal-enerġija tal-2022 wasslu għal skrutinju ulterjuri ta' dawk il-mekkaniżmi u wrew li hemm nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-attivazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi miċ-ċentri ta' negozjar rilevanti fl-Unjoni, kif enfasizzat fit-tweġiba tal-ESMA tat-22 ta' Settembru 2022 għas-sejħa tal-Kummissjoni għal parir biex tiġi indirizzata l-volatilità eċċessiva fis-swieq għad-derivattivi tal-enerġija. Il-parteċipanti fis-suq jibbenefikaw minn aktar informazzjoni u aktar trasparenza dwar iċ-ċirkostanzi li jwasslu biex jitwaqqaf jew jiġi ristrett in-negozjar u dwar il-prinċipji li s-swieq regolati għandhom jikkunsidraw biex jiġu stabbiliti l-parametri tekniċi ewlenin biex jitwaqqaf jew jiġi ristrett in-negozjar. L-ESMA jenħtieġ li tistabbilixxi, permezz ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, il-prinċipji li s-swieq regolati għandhom jikkunsidraw biex jiġu stabbiliti l-parametri tekniċi ewlenin biex jitwaqqaf jew jiġi ristrett in-negozjar. Minħabba l-importanza li jiġi żgurat negozjar ordinat, is-swieq regolati jenħtieġ li jżommu diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward ta' liema mekkaniżmi jużaw u liema parametri jistabbilixxu għal dawk il-mekkaniżmi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jimmonitorjaw bir-reqqa l-użu ta' dawk il-mekkaniżmi miċ-ċentri ta' negozjar u jagħmlu użu mis-setgħat superviżorji tagħhom fejn xieraq.

- (14) Wara l-kriżi tal-enerġija tal-2022 u l-appelli għall-marġni u l-volatilità estrema ogħla u aktar frekwenti li rriżultaw, hija għustifikata valutazzjoni komprensiva tal-adeqwatezza tal-qafas globali għas-swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet, għas-swieq għall-kwoti tal-emissjonijiet u għas-swieq għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet. Tali valutazzjoni jenħtieġ li jkollha fokus strateġiku u tqis il-likwidità u l-funzjonament xieraq tas-swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet, għall-kwoti tal-emissjonijiet u għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet fl-Unjoni biex jiġi żgurat li l-qafas li jirregola dawk is-swieq ikun adattat għall-iskop tiegħu sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-enerġija u jiġi żgurati s-sigurtà tal-ikel u l-kapaċità tas-swieq li jifilħu għal xokkijiet esterni. Fit-twettiq tal-analiżi tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis ukoll il-fatt li s-swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet għandhom rwol importanti biex jiżguraw li l-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jiġġestixxu b'mod xieraq ir-riskji li jhorġu mill-attivitajiet ta' negozju tagħhom, u li huwa verament importanti li jiġi stabbiliti l-parametri t-tajba sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni jkollha swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet likwidi kompetittivi li jiżguraw l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u t-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Meta tqis dawk l-oġettivi, il-Kummissjoni jenħtieġ li, l-ewwel, tivvaluta jekk ir-reġimi għal-limiti ta' pożizzjoni u l-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet wasslux għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq u l-appoġġ għal kundizzjonijiet ordinati ta' pprezzar u saldu. Dik il-valutazzjoni jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll sa liema punt is-swieq għad-derivattivi tal-enerġija li għandhom jibdeu setgħu jiżviluppaw fl-Unjoni.

It-tieni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-kriterji biex jiġi stabbilit meta attività għandha titqies bħala anċillari għan-negozju ewlieni fil-livell ta' grupp, filwaqt li tqis il-likwidità globali fis-swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet, għall-kwoti tal-emissjonijiet u għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet, u tqis il-funzjonament ordnat tagħhom. Il-kumpaniji tal-enerġija qed jassumu dejjem aktar ir-rwol ta' ġeneraturi tas-suq fis-swieq għad-derivattivi tal-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-impatt globali tal-eżenzjoni tal-attività anċillari billi tħares mhux biss lejn l-awtorizzazzjoni iżda wkoll lejn l-impatt tar-rekwiżiti prudenzjali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> u l-obbligi tal-ikklerjar, tal-proviżjonament ta' marġni u tal-kollateralizzazzjoni kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>. It-tielet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta sa liema punt id-*data* ta' tranżazzjonijiet fis-swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet jew għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet tista' tinġabar f'entità tal-ġbir unika u armonizzata mar-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-ġhadd ta' oqsma tad-*data*, il-format, it-teknoloġiji tas-sottomissjoni, il-proċessi ta' rikonoxximent tekniku u r-riċevituri tad-*data*. L-entità tal-ġbir unika tista' tkun il-fornitur ta' tape konsolidat għad-derivattivi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta liema *data* tat-tranżazzjonijiet tkun rilevanti għall-pubbliku u kif dik id-*data* tat-tranżazzjonijiet tiġi disseminata bl-aħjar mod.

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

- (15) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji żviluppat mill-ESMA fir-rigward ta': il-kriterji li għandhom jitqiesu fl-istabbiliment u l-valutazzjoni tal-effikaċja tal-politika tat-twertiq tal-ordnijiet; il-prinċipji li s-swieq regolati għandhom jikkunsidraw meta jistabbilixxu l-mekkaniżmi tagħhom biex iwaqqfu jew jirrestrinġu l-kummerċ; u l-informazzjoni li s-swieq regolati għandhom jiżvelaw dwar iċ-ċirkostanzi li jwasslu biex in-negozjar jitwaqqaf jew jiġi ristrett, inklużi l-parametri għat-twaqqif tan-negozjar li s-swieq regolati għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.
- (16) Peress li l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ttejjeb it-trasparenza tas-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li ssaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tas-swieq kapitali tal-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtiegħ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.
- (17) Għaldaqstant, jenħtiegħ li d-Direttiva 2014/65/UE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*  
*Emendi għad-Direttiva 2014/65/UE*

Id-Direttiva 2014/65/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 7 huwa mħassar.

(2) fl-Artikolu 2(1), il-punt (d), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) ma jkunux membri jew parteċipanti f'suq regolat jew MTF, għajr għall-entitajiet mhux finanzjarji li jeżegwixxu tranżazzjonijiet f'ċentru ta' negozjar fejn tali tranżazzjonijiet huma parti mill-ġestjoni tal-likwidità jew li jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attivitajiet kummerċjali jew l-attivitajiet ta' finanzjament tat-teżor ta' dawk l-entitajiet mhux finanzjarji jew il-gruppi tagħhom;”;

(3) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (19) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(19) “sistema multilaterali” tfisser sistema multilaterali kif iddefinita fl-Artikolu 2(1), il-punt (11), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;”;

(b) il-punt (20) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(20) “internalizzatur sistematiku” tfisser ditta tal-investment li, fuq bażi organizzata, frekwenti u sistematika, tinnegozja f'isimha fi strumenti ta' ekwità billi teżegwixxi l-ordnijiet tal-klijenti barra suq regolat, MTF jew OTF, mingħajr ma topera sistema multilaterali, jew li tidħol fi status ta' internalizzatur sistematiku;”;

(4) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej;

“3. Fir-rigward ta' strumenti finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligi ta' negozjar stabbiliti fl-Artikoli 23 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, wara l-eżekuzzjoni ta' ordni f'isem klijent, id-ditta tal-investment tinforma lill-klijent dwar iċ-ċentru fejn tkun ġiet eżegwita l-ordni.”;

(c) il-paragrafu 6 huwa mħassar;

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-ditti tal-investment li jeżegwixxu l-ordnijiet tal-klijent jimmonitorjaw l-effikaċja tal-arranġamenti tagħhom għat-twettiq tal-ordnijiet u tal-politika tat-twettiq tagħhom għall-fini li jidentifikaw u, fejn komxieraq, jirranġaw kwalunkwe nuqqas. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li tali ditti tal-investment jivvalutaw, fuq bażi regolari, jekk iċ-ċentri ta' eżekuzzjoni inklużi fil-politika tat-twettiq tal-ordnijiet, jipprovdux l-aħjar riżultat possibbli għall-klijent jew jekk għandhomx bżonn jagħmlu bidliet fl-arranġamenti tagħhom għat-twettiq. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-ditti tal-investment jinnotifikaw lill-klijenti, li magħhom għandhom relazzjoni ta' klijentela kontinwa, dwar kwalunkwe bidla materjali fl-arranġamenti tagħhom għat-twettiq tal-ordnijiet jew fil-politika tat-twettiq tagħhom.”;

(e) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“10. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regulatorji biex tispeċifika l-kriterji li għandhom jitqiesu biex tiġi stabbilita u vvalutata l-effikaċja tal-politika tat-twettiq tal-ordnijiet skont il-paragrafi 5 u 7, filwaqt li tqis jekk l-ordnijiet humiex eżegwiti f'isem il-klijenti mhux professjonali jew dawk professjonali.

Dawk il-kriterji għandhom jinkludu mill-anqas dawn li ġejjin:

- (a) il-fatturi li jiddeterminaw l-għażla tal-postijiet tat-twettiq inklużi fil-politika tat-twettiq tal-ordnijiet;
- (b) il-frekwenza li biha tiġi vvalutata u aġġornata l-politika tat-twettiq tal-ordnijiet;
- (c) il-mod li bih jiġu identifikati l-klassijiet tal-istrumenti finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafu 5.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [disa' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

- (5) fl-Artikolu 31(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ditti tal-investment u operaturi tas-suq li joperaw MTF jew OTF ikollhom arranġamenti fis-seħħ sabiex jiżguraw li jissodisfaw l-istandards tal-kwalità tad-*data* kif stabbilit fl-Artikolu 22b tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.”;

(6) fl-Artikolu 47(1), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(g) jkollu arranġamenti fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li jissodisfa l-istandards tal-kwalità tad-*data* f’konformità mal-Artikolu 22b tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(h) ikollu ill-anqas tliet membri jew utenti materjalment attivi, li kull wieħed minnhom ikollu l-opportunità li jinteraġixxi mal-oħrajn kollha fir-rigward tal-formazzjoni tal-prezzijiet.”;

(7) L-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat ikun kapaċi jwaqqaf jew jirrestrinġi temporanjament in-negozjar f’sitwazzjonijiet ta’ emerġenza jew fil-każ ta’ moviment tal-prezz sinifikanti fi strument finanzjarju f’dak is-suq jew f’suq relatat matul perjodu qasir u, f’każijiet eċċezzjonali, li jkun kapaċi jikkancelła, ivarja jew jikkoreġi kwalunkwe tranżazzjoni. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat jiżgura li l-parametri biex jitwaqqaf jew jiġi ristrett in-negozjar ikunu kalibrati b’mod xieraq, b’tali mod li jitqiesu l-likwidità tal-klassijiet u s-subklassijiet differenti ta’ assi, in-natura tal-mudell tas-suq u t-tipi ta’ utenti, u li dan ikun biżżejjed biex jiġi evitat tfixkil sinifikanti għar-regolarità tan-negozjar.”;

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li suq regolat jiddivulga pubblikament fuq is-sit web tiegħu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jwasslu biex in-negozjar jitwaqqaf jew jiġi ristrett u dwar il-prinċipji biex jiġu stabbiliti l-parametri tekniċi prinċipali użati biex isir dan.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta suq regolat ma jwaqqafx u ma jirrestrinġix in-negozjar kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, minkejja l-fatt li moviment sinifikanti tal-prezz fi strument finanzjarju jew strumenti finanzjarji relatati jkun wassal għal kundizzjonijiet diżordinati ta' negozjar f' suq wieħed jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri xierqa biex jerġgħu jistabbilixxu l-funzjonament normali tas-swieq, inklużi s-setgħat supervizzorji msemmija fl-Artikolu 69(2), il-punti (m) sa (p).”;

(b) il-paragrafu 12 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(h) il-prinċipji li s-swieq regolati għandhom jikkunsidraw meta jistabbilixxu l-mekkaniżmi tagħhom biex iwaqqfu jew jirrestrinġu n-negozjar f’konformità mal-paragrafu 5, filwaqt li jitqiesu l-likwidità ta’ klassijiet u subklassijiet differenti ta’ assi, in-natura tal-mudell tas-suq u t-tipi ta’ utenti, u mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tas-swieq regolati biex jiġu stabbiliti dawk il-mekkaniżmi;

(i) l-informazzjoni li s-swieq regolati għandhom jiżvelaw, inklużi l-parametri biex jitwaqqaf in-negozjar li s-swieq regolati għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti, f’konformità mal-paragrafu 5.”;

(ii) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b’dan li ġej:

“l-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(c) il-paragrafu 13 huwa mħassar;

(8) fl-Artikolu 49(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Fir-rigward ta’ ishma b’Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (ISIN) maħruġ barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jew ishma li jkollhom ISIN taż-ŻEE u li huma nnegozjati f’ċentru ta’ pajjiż terz fil-munita lokali jew f’munita mhux taż-ŻEE, kif imsemmi fl-Artikolu 23(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 li għalihom iċ-ċentru li huwa l-aktar suq rilevanti f’termini ta’ likwidità jkun f’pajjiż terz, swieq regolati jistgħu jipprevedu l-istess fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet li tkun tapplika f’dak iċ-ċentru.”;

(9) L-Artikolu 50 huwa mħassar.

(10) l-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

*“Limiti ta’ pożizzjoni f’derivattivi ta’ komoditajiet u kontrolli tal-ġestjoni ta’ pożizzjoni f’derivattivi ta’ komoditajiet u derivattivi ta’ kwoti tal-emissjonijiet”;*

(b) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta tal-investment jew operatur tas-suq li jħaddem ċentru ta' negozjar li jinneozja derivattivi ta' komoditajiet jew derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet japplikaw kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet, inkluż setgħat għaċ-ċentru ta' negozjar biex:”;

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) jikseb informazzjoni, inkluż id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, minn persuni dwar id-daqs u l-iskop ta' pożizzjoni jew skopertura li wieħed ikun daħal għalihom, informazzjoni dwar sidien benefiċjarji jew sottostanti, kwalunkwe arranġament ta' konċentrazzjoni, u kwalunkwe assi jew obligazzjonijiet relatati fis-suq sottostanti, inkluż, fejn xieraq, il-pożizzjonijiet miżmuma f'derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet jew pożizzjonijiet miżmuma f'derivattivi ta' komoditajiet li huma bbażati fuq l-istess bażi u li jikkondividu l-istess karatteristiċi f'ċentri tan-negozjar oħra u f'kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti permezz ta' membri u parteċipanti;”;

(11) l-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

– il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta tal-investment jew operatur tas-suq li jħaddem ċentru ta' negozjar, li jinneozja derivattivi ta' komoditajiet jew derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet.”;

– il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jiġu ppubblikati:

(i) għal ċentri ta' negozjar fejn l-opzjonijiet huma nneozjati, żewġ rapporti fil-ġimgħa, li minnhom wieħed jeskludi l-opzjonijiet, b'ġabra tal-pożizzjonijiet meħuda minn kategoriji differenti ta' persuni għad-derivattivi ta' komoditajiet jew id-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet differenti nneozjati fi-ċentru ta' negozjar tagħhom, filwaqt li jispeċifikaw in-numru ta' pożizzjonijiet twal u qosra ta' tali kategoriji, tibdiliet fihom mir-rapport preċedenti, il-perċentwal tat-total tal-interest miftuħ rappreżentat minn kull kategorija, u n-numru ta' persuni li għandhom pożizzjoni f'kull kategorija f'konformità mal-paragrafu 4;

(ii) għaċ-ċentri ta' negozjar fejn l-opzjonijiet mhumiex innegozjati, rapport ta' kull ġimgħa dwar l-elementi stabbiliti fil-punt (i);”;

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta tal-investment jew operatur tas-suq li jħaddem ċentru ta' negozjar li jinnegozja derivattivi ta' komoditajiet jew derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet jikkomunikaw ir-rapporti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu lill-awtorità kompetenti u lill-ESMA. L-ESMA għandha tipproċedi bil-pubblikazzjoni ċentralizzata tal-informazzjoni inkluża f' dawk ir-rapporti.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditti tal-investment li jinnegozjaw derivattivi ta' komoditajiet jew derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet barra minn ċentru ta' negozjar jipprovdu, fuq mill-anqas bażi ta' kuljum, lill-awtorità ċentrali kompetenti msemmija fl-Artikolu 57(6) jew – fejn ma jkun hemm l-ebda awtorità kompetenti ċentrali – l-awtorità kompetenti taċ-ċentru ta' negozjar fejn id-derivattivi ta' komoditajiet jew id-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet ikunu nnegozjati, b'analiżi statistika kompleta tal-pożizzjonijiet meħuda tagħhom f'kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti, kif ukoll ta' dawk tal-klijenti tagħhom u l-klijenti ta' dawk il-klijenti sakemm wieħed jasal għall-klijent aħħari, skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011.”;

(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa emendat b'dan li ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Persuni li għandhom pożizzjonijiet f'derivattiva ta' komoditajiet jew derivattiva ta' kwoti tal-emissjonijiet għandhom jiġu klassifikati mid-ditta tal-investment jew l-operatur tas-suq li jopera dak iċ-ċentru ta' negozjar skont in-natura tal-kummerċ ewlieni tagħhom, wara li jqisu kwalunkwe awtorizzazzjoni applikabbli, bħala.”;

(ii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) fil-każ ta' derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet, operaturi b'obbligi ta' konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE.”;

(d) fil-paragrafu 5, ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Fil-każ tad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet, ir-rapportar ma għandux jippreġudika l-obbligi ta' konformità skont id-Direttiva 2003/87/KE.”;

(12) l-Artikolu 70(3) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-punt (xxx) huwa mħassar;

(b) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(iia) Artikolu 5;”;

(ii) il-punt (v) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(v) Artikolu 8(1);

(va) Artikolu 8a(1) u (2);

(vb) Artikolu 8b;”;

(iii) il-punt (vii) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(vii) l-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza, l-Artikolu 11(1a), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(1b) u l-Artikolu 11(3), ir-raba’ subparagrafu;

(viii) l-Artikolu 11a(1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza, u l-Artikolu 11a(1), ir-raba’ subparagrafu;”;

(iv) il-punti (ix), (x) u (xi) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(ix) l-Artikolu 13(1) u (2);

(x) l-Artikolu 14(1), (2) u (3);

(xi) l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni subparagrafu, l-ewwel u t-tielet sentenzi, u r-raba' subparagrafu, l-Artikolu 15(2) u l-Artikolu 15(4), it-tieni sentenza;”;

(v) il-punt (xiii) huwa mħassar;

(vi) il-punt (xiv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(xiv) l-Artikolu 20(1) u (1a) u l-Artikolu 20(2), l-ewwel sentenza;”;

(vii) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

“(xvia) Artikolu 22a(1) u (5) sa (8);

(xvib) Artikolu 22b(1);

(xvic) Artikolu 22c(1);”;

(viii) il-punt (xxi) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(xxi) Artikolu 28(1);”;

(ix) il-punt (xxiv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(xxiv) Artikolu 31(3);”;

(x) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(xxviii) Artikolu 39a;”;

(13) fl-Artikolu 90, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-ESMA, lill-EBA u lill-ACER, tissottometti rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun fihom valutazzjoni komprensiva tas-swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet, għall-kwoti tal-emissjonijiet u għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet. Dawk ir-rapporti għandhom jivvalutaw mill-anqas għal kull wieħed mill-elementi li ġejjin il-kontribut tagħhom għal-likwidità u l-funzjonament tajjeb tas-swieq tal-Unjoni għad-derivattivi ta' komoditajiet, għall-kwoti tal-emissjonijiet jew għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet:

(a) ir-reġimi għal-limiti ta' pożizzjoni u l-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet, abbażi tad-*data* pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 57(5) u (10);

- (b) l-elementi msemmija fl-Artikolu 2(4), it-tieni u t-tielet subparagrafi, ta' din id-Direttiva u l-kriterji biex jiġi stabbilit meta attività għandha titqies bħala anċillari għan-negozju ewlieni fil-livell tal-gruppi skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1833\*, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-persuni kif imsemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (j), ta' din id-Direttiva li jidħlu fi tranżazzjonijiet li jnaqqsu b'mod effettiv ir-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew l-attività ta' finanzjament tat-teżor, l-applikazzjoni tar-rekwiżiti mis-26 ta' Ġunju 2026 għad-ditti tal-investment speċjalizzati f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/2033 u r-rekwiżiti għall-kontropartijiet finanzjarji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012;
- (c) għat-tranżazzjonijiet fis-swieq għad-derivattivi ta' komoditajiet jew għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet, l-elementi ewlenin biex tinkiseb *data* armonizzata, il-ġbir ta' *data* dwar it-tranżazzjonijiet minn entità ta' ġbir unika, u l-informazzjoni rilevanti dwar l-aktar format xieraq għad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li għandha ssir pubblika.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti:

- ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan il-paragrafu sal-31 ta' Lulju 2024, u
- ir-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (c), ta' dan il-paragrafu sal-31 ta' Lulju 2025.

Dawk ir-rapporti għandhom, fejn xieraq, ikunu akkumpanjati minn proposta leġiżlattiva li tikkonċerna bidliet immirati fir-regoli tas-suq għad-derivattivi ta' komoditajiet, għall-kwoti tal-emissjonijiet jew għad-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet.

---

\* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1833 tal-14 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kriterji biex jiġi stabbilit meta attività għandha titqies bħala anċillari għan-negozju ewlieni fil-livell ta' grupp (ĠU L 372, 20.10.2021, p. 1).”.

*Artikolu 2*  
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [ 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għalija meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*  
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*  
*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburg,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*